MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tal-15 ta' Novembru, 2006

Appell Civili Numru. 178/2005/1

**Maltacom plc (C 22334)**

**vs**

**Anthony Vella ( ID 496235M) u Jesmond Vella (ID 138565M) li gie kjamat in kawza**

**Il-Qorti,**

Fil-11 ta' Mejju, 2006 it-Tribunal ghal Talbiet Zghar ippronunzja s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

"It-Tribunal

Ra l-avviz li fih is-socjeta' attrici talbet il-hlas ta' hames mija u disghin Lira Maltin u wiehed u ghoxrin centezmu (Lm590.21c) rapprezentanti danni kkagunati lill-proprjeta' ta' l-istess socjeta' attrici waqt xoghlijiet.

Illi l-konvenut gie interpellat diversi drabi sabiex iservi l-hlas, madanakollu baqa inadempjenti.

Ra r-risposta fejn il-konvenut qal li ma hux il-legittimu kuntradittur u kwindi ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju. Illi l-konvenut ma hux responsabbli legalment u fattwalment ghall-allegati hsarat. Illi l-ammont pretiz huwa sproporzjonat mal-hsara kkagunata.

Ra r-rikors ta' Maltacom plc fejn tesponi bir-rispett illi ghandu jigi kjamat fil-kawza is-Sur Jesmond (Sigismondo) Vella (ID 138565M).

Ra r-risposta fejn il-kjamat in kawza jikkontesta kemm ir-responsabbilita' u kif ukoll il-kwantum pretiz.

Ra l-affidavits tal-atturi.

Ra x-xhieda ta' PS 977 Joe Zammit fejn qal illi gie nfurmat permezz ta' rapport minn Joseph Muscat illi xi hadd laqat cables f'Hal Balzan. Jghid illi mar on site u sab lill-konvenut u lill-kjamat in kawza jghattu trinka bil-konkrit, pero cahdu illi kienu laqtu xi cables. Il-cables kienu diga mghottijin bil-konkos. Jghid illi r-rapport sar fid-disgha ta' filghodu izda mar on site fin-nofs siegha.

In-kontro ezami jghid illi m'ghamilx indagni biex jara minn kien prezenti fil-hin meta sar ir-rapport.

Ra x-xhieda ta' Jesmond Vella. Jiddikjara illi jahdem bhala kuntrattur ma' missieru l-konvenut u kien qed jaghmel connection ghad-drenagg fit-triq in kwistjoni. Huma gew imqabbda minn sid id-dar in kwistjoni u ta' dan gew imhallsa. L-istess sid kellu jaghtihom il-pjanta, l-permess u s-site plan. Jghid illi qabel ma bdew ihaffru gabu lil tat-telefon jimmarkalhom fejn huwa ghaddej it-telefon bi spray ahmar. Jiddikjara illi t-thaffir sar bl-idejn bil-baqqun, biz-zappun u bit-turbazz , il-pajp sabuh u ma qacctuhx. Jghid illi gew tat-telefon u l-pulizija u staqsew ghall-permessi u wrewhom kollox. Huma akkuzawhom li ghamlu l-hsara u mbaghad biddlu r-roll kollu. Harrkuhom minhabba l-hsara u mhux minhabba l-permessi.

In-kontro ezami gie mistoqsi biex juri l-imsemmija site plans u l-permessi li tahom is-sid, izda wiegeb li ma jafx fejn huma ghax l-incident ilu li sehh. Jghid illi ma kienx prezenti meta gew tal-Maltacom u ghamlu l-marki.

Ra x-xhieda ta'Anthony Vella li jikkonferma li s-sid tahom il-pjanti. Jghid li ghandu garanzija u insurance biex ikun jista' jhaffer u nghata l-permess f'idu minghand il-kunsill. Jghid illi gew erba' entitajiet li mmarkaw it-triq, tad-dawl, tat-telefon u Melita Cable u tal-ilma. Jiddikjara illi l-konvenut l-iehor u hatnu haffru. Jghid illi kien prezenti meta gew il-pulizija li harrkuhom ghal raguni ta' permessi, u ma ssemmiet ebda hsara.

In-kontro ezami jikkonferma dak li qal illi akkuzawhom ghal raguni ta' permessi. Jghid li ma jafx kemm-il kulur kien immarkat fit-triq, izda jsemmi spray ahmar.

Jghid ukoll illi kien jaf li hemmhekk hemm it-telefon u x-xoghol sar bil-fies u bil-kazzola, waqt li l-jackhammer intuza biex jaqtghu l-wicc biss. Izid illi x-xoghol ta' qabel ma kienx sar sewwa, u li kieku ma hadmux bl-attenzjoni kieku kienet issir aktar hsara. Jikkonferma illi x-xoghol fiziku sar minn Jesmond Vella u hatnu, waqt li hu ghamel is-supervision. Jikkonferma illi ma messew ebda cable. Jiddikjara dak li diga ntqal li hadmu biz-zappun, bil-fies u l-kazzola minn taht. Rigward il-permessi, jghid illi dawn johorgu mill-ADT.

Ra x-xhieda ta' Emanuel sive Leli Zammit li ma' Jesmond Vella kien qieghed jaghmel xoghol fid-data u fit-triq in kwistoni. Jsemmi marki fit-triq b'zebgha hamra u orange. Ma jiftakarx li kien hemm kuluri ohra. It-thaffir sar ghal raguni ta' kommunikazzjoni tad-drenagg, liema thaffir sar bl-idejn ghax l-art kienet ratba. Sabu l-pajp tat-telefon , ghaddew il-katusi u kif kienu waslu lejn l-ahhar gew tat-telefon, hargu linja tat-triq kollha u biddlu l-linja tat-telefon. Gew mehuda ritratti wkoll, pero ma ssemmiet ebda hsara. Il-pulizija ma semmew xejn ukoll. Jiddikjara illi l-konvenut kien qallu li kellu l-permess u wrieh l-istess. Jghid li ma jaf xejn dwar il-kawza kriminali.

Il-kontro ezami gie rinunzjat.

Ra x-xhieda ta’ Alison Zammit li hija mpjegata bhala enginiera responsabbli tal-maintenance mal-Maltacom plc. Ghaldaqstant kienet responsabbli tan-nies li sewwew l-hsara kkawzata . Din kienet tikkonsisti minn pajp miksur u cable b’erba’ mitt linja tat-telefon b’daqqa go fih. Aktar ‘il quddiem tghid illi tiftakar li kien damage pero’ ma tiftakarx li kellu daqqa jew li kien maqtugh. Il-cable l-gdid kien jikkonsisti f’mitt linja, ghax hekk kien hemm bzonn. Tghid illi qatt ma ssir gonta fejn ikun intlaqat il-cable, jigifieri fin-nofs, izda dejjem ibiddlu mill-gonta ta’ qabel sal-gonta ta’ wara. Tispjega illi gonta hija ‘weak point’. Tghid illi ma tiftakarx jekk ezaminatx il-cable izda tikkonferma li kienet on site. Indunaw bil-hsara permezz tar-rapporti mill-klijenti. Tghid li huwa l-kuntrattur li suppost jinforma l-entitajiet kollha li kien ser ihaffer, madanakollu Maltacom ma gietx informata u ghalhekk ma saru ebda marki. Tikkonferma li ttiehdu ritratti u li ser tghaddihom lil PL Noel Scerri.

Ra d-dokumenti ezebiti.

Ra l-affidavit ta’ Dr. Keith Grech li fih isostni illi l-konvenuti Anthony Vella u Jesmond Vella, ghandhom jaghtu lis-societa’ attrici s-somma ta’ hames mija u disghin lira Maltin u wiehed u ghoxrin centezmu (Lm590.21c) in konnessjoni ma’ hsarat minnhom ikkagunati lill-proprjeta’ tas-societa’ attrici, konsistenti f’cables tat-telefon.

Ra l-affidavit ta’ Ing. Alison Zammit li tikkonferma dan. Izzid illi s-socjeta’ attrici ma kinitx giet mitluba taghti l-permess taghha sabiex dan ix-xoghol ikun jista’ jsir, u lanqas ma kienet intalbet sabiex tassisti billi timmarka l-post fejn kienu jinstabu l-cables.

Illi tiddikjara li l-ammont dovut ghal hsarat imsemmija jammontaw ghas-somma ta’ hames mija u disghin lira u wiehed u ghoxrin centezmu (Lm590.21c) liema ammont hu kompost minn:

Spejjez materjali – Lm231.18c
Labour cost – Lm282.04c
VAT – Lm76.99c

Ra l-affidavit ta’ Ray Cachia li jsemmi l-fattura mahruga ghall-ammont ta’ hames mija u disghin lira Maltin u wiehed u ghoxrin centezmu (Lm590.21c) fil-konfront ta’ AnthonyVella, liema kont ghadu pendenti.

Ra l-affidavit ta’ Victor Busuttil li jiddikjara d-danni kkagunati lis-socjeta’ attrici, u li l-istess socjeta ma gietx mitluba taghti permess ghax-xoghol

Ra l-affidavit ta’ Joseph Muscat li jiddikjara illi ghamel rapport fl-Ghassa tal-Pulizija ta’ Birkirkara dwar hsarat ikkawzati lill-cables tas-societa attrici, liema hsara giet ikkawzata mill-konvenuti.

Ikkunsidra illi ma hemmx bizzejjed provi illi jindika illi l-hsara saret mill-konvenuti. Il-konvenuti mill-ewwel cahdu l-allegazzjonijiet kontra taghhom (ara fol. 43). Illi ghalkemm Victor Busuttil u Joseph Muscat jghidu li l-hsara giet ikkawzata mill-kuntratturi Anthony u Jesmond Vella ma jghidux li raw lil konvenuti jaghmlu l-hsara. Il-fatt li l-konvenuti kienu qed jahdmu hemm u l-fatt li seta kien li ma kellhomx l-permessi kollha necessarji ma ifissirx li huma bilfors ghamlu l-hsara. Il-Pulizija waslu fuq il-post hafna wara li sar ir-rapport. Illi ghalkemm Joseph Muscat ghamel ir-rapport, l-affidavit tieghu ftit fih dettalji dwar x’ra u kif ikkonkluda li l-konvenuti ghamlu l-hsara.

Ghaldaqstant jichad it-talba attrici bl-ispejjes kontra taghha.”

Bl-appell minnha nterpost fil-kontestazzjoni ta’ din is-sentenza, is-socjeta` attrici tobbjetta illi t-Tribunal naqas milli jiehu konjizzjoni korretta tal-fatti u japplika ghalihom il-principji legali okkorrenti;

Huwa ben evidenti illi l-kontestazzjoni, kif impustata, hi wahda prettament ta' apprezzament ta' fatt fid-dawl tal-provi prodotti. L-uniku aspett ko-involgenti punt ta' dritt jirrigwarda l-applikazzjoni ta' certi principji bazici in materja ta' provi. Kif saput, di regola, Qorti ta' revizjoni ma tiddisturbax l-apprezzament ta' fatt maghmul mill-ewwel tribunal adit mill-meritu, ammenokke l-Qorti ma tirriskontrax, fuq ir-ri-ezami taghha tal-provi processwali, illi l-apprezzament li sar kien manifestament zbaljat u l-konkluzjoni errata;

Hadd ma jiddubita illi l-valutazzjoni tal-provi, il-kontroll ta' l-attendibilita` taghhom, id-dritt tal-ghazla mir-rizultanzi istruttorji ta' dik il-prova li titqies l-aktar rilevanti ghall-formazzjoni tal-konvinciment jirrientraw fil-poter diskrezzjonali tal-gudikant fil-meritu. Huwa proprju dan l-ezercizzju li s-socjeta` attrici appellanti qeghda tikkwerela u b' hekk tippretendi minghand din il-Qorti s-sostituzzjoni tad-diskrezzjoni tat-Tribunal b' dik taghha;

In sintesi generali, is-socjeta` attrici appellanti qeghda ssostni illi l-ezercizzju tad-diskrezzjoni ta' l-apprezzament tal-provi mit-Tribunal kien errat u li allura l-motivazzjoni tas-sentenza hi difettuza in kwantu minnha jidher li l-konvinciment tat-Tribunal irrealizza ruhu mhux fuq il-bazi ta' l-elementi varji, processwalment akkwiziti, u kkonsidrati fil-kumpless taghhom. B' mod specifiku, is-socjeta` appellanti tissenjala s-segwenti:-

1. Hi gabet provi assodanti li juru li l-hsara avverat meta l-konvenut u l-imsejjah fil-kawza kienu qed jahdmu f' xoghol ta' skavar fit-triq fejn intlaqghat il-*cable*;

2. Saret il-prova li l-appellati ma segwewx il-kondizzjonijiet tal-permess u ghamlu xoghol ta' skavar minghajr l-involviment preventiv tal-Maltacom;

3. Gie wkoll ippruvat illi l-appellanti ma hadux il-mizuri u l-prekwazjonijiet adegwati biex jiskansaw mill-

hsara l-infrastruttura taghha sitwata fit-triq fejn saru x-xoghlijiet;

Dan premess, inghad minn din il-Qorti f' bosta decizjonijiet taghha illi fl-ordinament guridiku taghna, ghal dak li jirrigwarda l-apprezzament tal-provi, ma tezisti ebda gerarkija dwar l-effikacja taghhom. Kull prova hi ammissibbli u rikonoxxuti mid-dritt probatorju jekk hi ta' rilevanza ghall-kwestjoni in kawza. Ara Artikolu 558, Kapitolu 12. Tali prova tista' tkun diretta, bhal xhieda u dokumenti, kemm indiretta, bhal ma huma l-presunzjonijiet u l-indizji, kapaci li jikkonvincu lill-gudikant. Konvinciment dan li jinnecessita` li jkun sorrett minn motivazzjoni razzjonali u hielsa minn vizzji logici;

Fil-hsieb tal-Qorti huwa proprju f' dan li appena rilevat illi tippekka s-sentenza tat-Tribunal. Ibda biex, il-fatt li x-xhieda tas-socjeta` attrici ma jghidux ukoll li raw lil konvenuti jaghmlu l-hsara ma ghandux, lanqas remotament, iwassal ghal konvinciment li jeskludi mill-hitja lill-konvenuti ghall-hsara li effettivament irrizultat. Certi provi attendibbli u ta' karattru indizzjarju kellhom, fil-fehma tal-Qorti, iwasslu ghal konvinciment xort' ohra minn dak tat-Tribunal;

Huwa fatt illi dakinhar ta' l-incident (6 ta' Gunju 2003) il-konvenut u l-imsejjah fil-kawza kienu qed jaghmlu xoghol ta' skavar fit-triq ghall-iskop ta' *connection* tad-dranagg ghal sid ta' dar f' dik it-triq. Huwa fatt ukoll illi dak ix-xoghol kien jinvolvi l-uzu ta' certi ghodod bhal baqqun u zappun (ara xhieda ta' Jesmond Vella, fol. 49). Jirrizulta inoltre fuq ix-xhieda ta' Leli Zammit, prodott mill-appellat, illi minhabba l-ostruzzjoni tal-*cables* tas-socjeta` attrici, ix-xoghol kien jirrikjedi li huma jghaddu minn tahthom. Anke jekk tezisti l-kontestazzjoni dwar l-immarkar tas-sit mill-impjegati tal-Maltacom, huwa fatt illi l-konvenut kien jaf li hemmhekk kien hemm il-*cables* tat-*telephone* (ara deposizzjoni tieghu, seduta 2 ta' Marzu 2006). Aktar fundamentali minn hekk gie accertat illi l-hsara fil-*cable*

saret proprju dakinhar li l-appellati kienu qed jaghmlu x-xoghol ta' skavar. Dawn il-fatti kollha, ghal din il-Qorti, huma sufficjentement indikativi illi, anke jekk ix-xhieda tas-socjeta` attrici ma rawx il-hsara ssir, dik il-hsara effettivament saret. Dan fil-process ta' skavar mill-appellati;

Din il-Qorti ma tistax taccetta bhala valevoli l-asserzjoni ta' l-appellati fir-risposta ta' l-appell taghhom illi *dato ma non concesso* illi huwa minnu li ma ntalabx l-immarkar, tali fatt ma ghandux u ma jista' b' ebda mod iwassal lil xi hadd ghal konkluzjoni awtomatika illi l-hsarat twettqu minnhom. Ir-raguni ghal dan hi semplici. Fl-ewwel lok, l-immakar ma huwiex xi uzanza merament burokratika imma dak l-immarkar hu hekk impellenti biex jigi individwat b' akkuratezza il-lok fejn tkun posizzjonata l-infrastruttura, u b' hekk jigi skongurat skavar bl-addocc. Sekondarjament, tezisti l-prova tan-ness bejn il-fatt ta' l-iskavar u l-event dannuz. Anke jekk l-appellati jistqarru li ma kkawzaw ebda hsara, hi sinjifikanti d-dikjarazjoni tal-konvenut Anthony Vella fejn jghid illi kieku ma hamdux b' attenzjoni "kieku kien isir <u>aktar</u> hsara". Anke minn dan huwa intwittiv illi l-appellati, nonostante li dan ma jistqarruhx direttament, kienu konxji mill-fatt illi xi hsara setghet saret;

Apparti dan, is-socjeta` appellanti, li kienet mghobbija bl-oneru li tindika specifikament il-kontenut ta' dawk il-fatti u provi ghall-fini tal-kontroll kif imiss tal-vizzju tal-motivazzjoni fid-decizjoni appellata, irnexxielha, kif fuq manifest, taghmel il-kollegament necessarju bejn ix-xoghlijiet li saru u l-event dannuz;

Il-valutazzjoni trid necessarjament issegwi t-tehid in konsiderazzjoni tal-provi fil-kuntest globali taghhom u mhux, kif donnu hekk sar f' dawn il-kaz, illi, apprioristikament, dik il-valutazzjoni tigi kompjuta f' mument anterjuri, bil-konsegwenza li dik il-valutazzjoni tkun wahda zbaljata in kwantu timpedixxi l-ingress fil-process ta' dak il-gudizzju idoneju, anke fuq il-bilanc tal-probabilitajiet u

tal-preponderanza tal-provi, konduciv ghal konvinciment ragunat. Kif taraha din il-Qorti, bl-oppost ta’ dak determinat mit-Tribunal, il-provi migjuba u l-inferenza li ragonevolment johorgu minnhom jinducu fiha dik ic-certezza morali illi l-hsara riskontrata hi f’ abbinament max-xoghol ta’ skavar li sar mill-appellati. Jista’ ghalhekk jinghad illi s-socjeta` attrici appellanti rnexxielha turi ghas-sodisfazzjon tal-Qorti l-inkongruwenza u l-inadegwatezza tal-motivazzjoni ta’ l-elementi kollha probatorji dedotti fil-gudizzju. L-aggravju taghha jimmerita ghalhekk li jigi milqugh.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed tilqa’ l-appell lilha sottomess u b’ hekk thassar u tirrevoka s-sentenza appellata. Konsegwentement, tikkundanna lill-konvenut u lill-imsejjah fil-kawza jaghmlu tajjeb *in solidum* ghall-hsara subita mis-socjeta` attrici billi jhallsu lil din is-somma reklamata. L-ispejjez gudizzjarji taz-zewg istanzi jitbatew mill-appellati.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------